# *NISEL IL-KLIEM*

*(Jorbot ma' "Leħen il-Malti" Għadd 176-178)*

*FELLUS*: Kelma li ġietna mill-Affrika ta' Fuq. Destaing fl-istudji tiegħu dwar l-ilsien Berberu jagħti *afullûs* "cock" bil-plural sħiħ *ifullusên* "poules". Dozy jagħti l-forma eqreb lejn il-Malti *fallûs*, pl. *flâles* "parvus avium" u *fallûsa* "gallina" (Alcalà: Għarbi Moresk ta' Spanja) "poulette" (Beaussier: Għarbi ta' l-Afrika ta' Fuq). Il-kelma *fellus* ġejja mill-Latin *pullus*, bil-bidla tal-konsonanti romanza *p* fil-konsonanti *f*. Il-kelma Latina *pullus*, bil-Malti *fellus*, hi taqsira ta' *puellus*—tifel żgħir jew tfajjel, diminutiv ta' *puer*, tifel, jew *por*, din ta' l-aħħar forma qadima li ssibha f'xi skrizzjonijiet. Hekk *Lucipor*, *Marcipor* li jfissru *bin Luċju* jew *bin Marku*, użu li jaqbel mat-twaħħil tal-kelma *vitch* fl-Islavoniku, bħala suffiss ta' isem, eż: *Mitrovitch*, *Stepanitch*. Il-kelma Latina *puer* aktarx ġejja mis-Sanskritt *putra*, li tinsab ukoll fil-Persjan *pusr* u *pois* fl-Ispartan. Il-kelma *fellus* hi waħda mix-xhidiet ta' kemm tibdil iġarrab il-kliem biż-żmien sakemm igħaddi minn ilsien għall-ieħor.

*QATTUS*: Bħal *fellus*, din ukoll kelma Latina li daħlet għandna mill-Għarbi tal-Magħreb *qattus* (*t* alveolari) fejn daħlet mill-Latin Imwaħħar (Late Latin) *catus* "a male cat", kelma li nsibuha fil-kitba ta' Palladius Rutilius Taurus, li għex xi 350 sena W.K. u f'kittieba oħra. Minn dil-kelma ġejjin ukoll it-Taljan *gatto* u l-Franċiż *chat*. Il-kelma *catus*

li mhix fil-Latin Klassiku tidher magħmula biż-żieda tas-suffiss Latin *us* mal-Għarbi klassiku *qitt* (*t* alveolari) "male cat". Mela jiġi li l-kelma Maltija *qattus* ġejja mill-Għarbi tal-Magħreb *qattus*, din mill-Latin Imwaħħar *catus*, u *catus* mill-Għarbi klassiku *qitt*.

*QALA* : Kelma oħra Latina li daħlet fil-Malti mill-Għarbi. Fil-Latin Imwaħħar insibu l-kelma *cala*, mnejn ħarġu l-kelmiet *cale* fil-Franċiż u *cala* fl-Ispanjol, Portugiż, Taljan u Provenzal. Fid-Ducange tfisser "Portus ortium vel statio". *Cala* tal-Latin saret *Qala* fl-Għarbi bil-bdil taċ-*c* (ħoss ta' *k*) f'*q*, bħalma ngħidu *qanpiena* minn *campana* u *Qorti* minn *Corte*. Skond Dozy "chez Becri on trouve *Qalat ax-Xini* comme nom propre. *Qâla* est ancore employé dans l'Afrique Septentrionelle". Ma' *Qalat ax-Xini* qabbel il-Malti *Imgarr ix-Xini*, isem ta' post Għawdex. Il-kelma *cala*, li mill-Latin Baxx daħlet ukoll fl-Isqalli u fit-Taljan "seno di mare o di lago poco internato e poco profondo in cui può rifugiarsi qualche picclo legno" daħlet mill-Għarbi *kallâ'a* li tfisser "a sheltered *haven*" mill-verb *kala'a* "to keep safe" (Hava). Il-kelma *qala* tagħna ma setgħetx daħlet fil-Malti mill-Għarbi dritt, għax il-kelma Għarbija fil-Malti kienet tibqa' *kalla*, jiġifieri kienet iżżomm il-vokali *a* qasira quddiem il-konsonanti mtennija fuq ix-xebh ta' kliem ieħor Malti mill-Għarbi bħal *ħabba*, *qatta*.

*FILS* : Mill-Għarbi *fals*, pl. *fulûs* "farthing, small copper, coin". pl. "money in general". Il-kelma *fals* daħlet fil-Għarbi mill-Grieg *obolòs*, munita Griega tar-ram mis-sitta waħda ta' drakma. It-tliet konsonanti ta' *obolos* huma *b-l-s* li minnhom l-ewwel waħda biss inbidlet mal-konsonanti *f*. Bit-tqassir il-kelma Griega minn *obolos* saret *folos* imbagħad *fuls* jew *fils* mnejn ħareġ il-plural miksur *flus*, bħal *qlub* minn *qalb*.

*GARNI* : "Friar's cowl" (Falzon). Kelma oħra li daħlet fil-Malti mill-Għarbi *qâranijjâ* "Cornelian tree, dogwood" (Hava), li ġejja mill-Grieg *Karanejja*. Għall-qbil tal-ħoss Malti *g* mal-Għarbi *q* qabbel Malti *gerger*, Għarbi *qarqar*; Malti *germed*, Għarbi *qarmad*; Malti *gemgem*, Għarbi *qamqam*. Il-ħoss *g* u *q* ġie li jinbidlu bejniethom fil-Malti wkoll. Hekk ngħidu u niktbu *gerger* u *qarqar*, *garr* u *qarr*.

Ġ. Aquilina.

(***Fadal***)